DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-POLITIKI INTERNI

DIPARTIMENT TEMATIKU B: POLITIKI STRUTTURALI U TA' KOEŻJONI

IT-TRASPORT U T-TURIŻMU

# L-INKLUŻJONI SOĊJALI FIT-TRASPORT PUBBLIKU TAL-UE

## SOMMARJU EŻEKUTTIV


Astratt

Dan ir-rapport jiddeskrivi r-rabtiet bejn it-trasport u l-inklużjoni soċjali skont il-letteratura reċenti, u jipprovdi evidenza dwar il-gruppi tal-popolazzjoni li jinsabu f'riskju akbar ta' esklużjoni soċjali u esklużjoni mit-trasport. Jipprovdi wkoll eżempji ta' prassi tajba fit-titjib tal-aċċessibilità tat-trasport pubbliku għal dawk l-utenti l-aktar vulnerabbli, bil-għan li jinsiltu xi indikazzjonijiet għat-titjib tar-rwol tal-UE fil-faċilitazzjoni tal-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' inklużjoni soċjali fil-politiki tat-trasport pubbliku.



IP/B/TRAN/IC/2014-093 2015

PE 540.351 MT

Dan id-dokument intalab mill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu tal-Parlament Ewropew.

## AWTURI

IRS - Istituto per la Ricerca Sociale: Manuela Samek Lodovici, Nicoletta Torchio

## AMMINISTRATUR RESPONSABBLI

Piero Soave
Dipartiment Tematiku għall-Politiki Strutturali u ta' Koeżjoni
Parlament Ewropew
B-1047 Brussell
E-mail: poldep-cohesion@europarl.europa.eu

## ASSISTENZA EDITORJALI

Adrienn Borka

## VERŻJONIJIET LINGWISTIĊI

Oriġinali: EN.

## DWAR IL-PUBBLIKATUR

Biex tikkuntattja lid-Dipartiment Tematiku B jew biex tabbona għall-bullettin li joħroġ ta' kull xahar jekk jogħġbok ikteb lil: poldep-cohesion@europarl.europa.eu

Il-manuskritt tlesta f'Marzu 2015.
© Unjoni Ewropea, 2015.

Dan id-dokument huwa disponibbli fuq l-internet fl-indirizz:
http://www.europarl.europa.eu/studies

## DISCLAIMER

L-opinjonijiet espressi f'dan id-dokument huma r-responsabilità tal-awtur biss u mhux neċessarjament jirrappreżentaw il-pożizzjoni uffiċjali tal-Parlament Ewropew.

Ir-riproduzzjoni u t-traduzzjoni għal raġunijiet mhux kummerċjali huma awtorizzati, dment li s-sors jiġi rikonoxxut u l-pubblikatur ikun mgħarraf minn qabel u mibgħut kopja.

# SOMMARJU EŻEKUTTIV

Għal żmien twil, id-dimensjoni soċjali tat-trasport pubbliku rċeviet relattivament ftit attenzjoni fil-letteratura akkademika u t-tfassil tal-politika. Fil-futur qarib, l-isfidi soċjali u l-isfidi fil-qasam tat-trasport irrappreżentati mit-tixjiħ demografiku, il-faqar, il-migrazzjoni u l-iżvantaġġ ġeografiku ser jiżdiedu. Ir-rwol soċjali tat-trasport jeħtieġ li jiġi inkorporat fil-politiki tat-trasport, b'aktar attenzjoni speċifika għall-ħtiġijiet tal-mobilità tal-gruppi ta' utenti l-aktar vulnerabbli. Bil-għan li t-trasport pubbliku jibqa' finanzjarjament vijabbli, għandhom jiġu kkunsidrati aċċessibilità mtejba għall-anzjani u persuni b'mobilità mnaqqsa, kif ukoll servizzi ta' kwalità ogħla u prezzijiet aktar baxxi għal kulħadd, flimkien ma' effiċjenza mtejba. Barra minn hekk, huwa essenzjali li jkun hemm servizzi ta' trasport pubbliku li huma effiċjenti mil-lat ambjentali u fl-użu tal-enerġija, kif ukoll promozzjoni tal-użu tagħhom, bil-għan li jitnaqqas l-impatt negattiv tal-użu tal-karozzi.

Dan ir-rapport jipprovdi idea ġenerali tal-letteratura u evidenza empirika tar-rabtiet bejn it-trasport pubbliku u l-inklużjoni soċjali. Ir-riżultati ewlenin huma dawn li ġejjin:

- It-trasport pubbliku għandu rwol kruċjali fl-aggravazzjoni u l-mitigazzjoni tal-esklużjoni soċjali ta' gruppi vulnerabbli u żvantaġġati, u dan billi jaffettwa l-aċċess tagħhom għal servizzi bażiċi, kif ukoll għall-impjiegi u r-relazzjonijiet soċjali. L-effetti negattivi tas-sistema tat-trasport fuq l-ambjent, is-sikurezza u s-saħħa pubblika x'aktarx li wkoll jaffettwaw lill-gruppi żvantaġġati b'mod sproporzjonat.
- Il-gruppi żvantaġġati/vulnerabbli għandhom ħtiġijiet differenti (l-aċċess għall-edukazzjoni, ix-xogħol, il-kura tas-saħħa, eċċ.), u huma affettwati b'modi differenti mill-ostakoli tat-trasport eżistenti. Il-politiki/l-azzjonijiet tat-trasport pubbliku għandhom għaldaqstant jitfasslu speċifikament għall-ħtiġijiet u l-punti kritiċi tal-utenti. Madankollu, għad hemm wisq ftit riċerka u attenzjoni għall-ħtiġijiet tal-mobilità tal-gruppi żvantaġġati tal-popolazzjoni.
- It-trasport pubbliku mhuwiex l-uniku mod biex jitnaqqsu l-problemi ta' mobilità tal-gruppi żvantaġġati. Sabiex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet ta' mobilità marbuta mal-inklużjoni soċjali jeħtieġ li jkun hemm interazzjoni bejn il-politiki tat-trasport u l-assistenza soċjali, li jaf iġġib magħha proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet itwal u aktar kumplessi.
- It-teknoloġiji l-ġodda tat-trasport jistgħu jappoġġaw il-politiki tat-trasport pubbliku fil-mitigazzjoni tal-esklużjoni soċjali u jipprovdu servizzi kosteffikaċi flessibbli. Żieda fl-involviment ta' fornituri privati u NGOs b'ħidma volontarja tista' wkoll ġġib magħha soluzzjonijiet irħas għall-ħtiġijiet speċifiċi.
- Minħabba d-domanda dejjem tiżdied għal aktar attenzjoni lejn il-ħtiġijiet ta' mobilità u aċċessibilità ta' gruppi mill-popolazzjoni u żoni territorjali li huma żvantaġġati, teżisti kuxjenza akbar kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fil-livell nazzjonali/lokali dwar l-importanza tat-trasport għall-inklużjoni soċjali. F'dawn l-aħħar snin ġew implimentati xi miżuri biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi ta' dawn il-gruppi, f'ħafna mill-każijiet bl-appoġġ tal-fondi u l-programmi tal-UE.

Sabiex tiġi żviluppata sistema inklużiva tat-trasport pubbliku jeħtieġ li l-aċċessibilità, is-sikurezza u l-kumdità fil-mezzi tat-trasport isiru prijorità fil-politika tat-trasport. Dan ifisser li għandhom jittejbu:

- l-istadji kollha tal-vjaġġ, inkluż l-ambjent għall-mixi, sabiex il-persuni b'mobilità mnaqqsa jistgħu jilħqu u jużaw is-servizzi tat-trasport pubbliku;
- id-disinn tal-faċilitajiet tat-trasport, biex jindirizzaw il-ħtiġijiet speċifiċi tal-gruppi vulnerabbli;

- is-sikurezza u s-sigurtà fit-trasport pubbliku, li huma kwistjonijiet kruċjali li jaffettwaw lin-nisa u l-anzjani b'mod sproporzjonat. Il-kwistjoni tas-sikurezza għandha wkoll tiġi kkunsidrata fir-rigward tal-ippjanar ta' parkeġġi u stazzjonijiet tat-trasport;
- il-provvista tas-servizzi u l-istrutturi għad-determinazzjoni tal-prezzijiet;
- il-kapaċità tal-awtoritajiet pubbliċi biex isibu soluzzjonijiet innovattivi għas-servizzi ta' trasport, billi jattivaw u jikkoordinaw operaturi differenti tat-trasport f'livelli differenti bil-għan li jipprovdu servizzi ta' trasport integrati u flessibbli li jilħqu destinazzjonijiet differenti, u li jippermettu l-aktar gruppi ta' utenti vulnerabbli jagħmlu vjaġġi kemm ta' distanzi qosra u twal kif ukoll vjaġġi transfruntiera;
- apparati teknoloġiċi li jappoġġaw l-attivitajiet ta' netwerking u ta' koordinazzjoni u jtejbu l-effiċjenza u l-flessibilità tat-trasport fir-rispons għal ħtiġijiet u xejriet ta' mobilità differenti bi spejjeż relattivament baxxi.

L-istituzzjonijiet tal-UE jista' jkollhom rwol ferm importanti fis-sejba ta' soluzzjoni għal dawn il-kwistjonijiet kollha:

- L-istituzzjonijiet tal-UE jista' jkollhom rwol aktar prominenti ta' koordinazzjoni fil-qasam soċjali u l-politiki tat-trasport abbażi tal-Artikolu 9 tat-Trattat ta' Lisbona (TFUE), pereżempju, il-klawsola soċjali orizzontali tat-Trattat ta' Lisbona li tappella biex tingħata aktar attenzjoni lid-dimensjoni soċjali tal-politiki tal-UE.
- Dawn jistgħu jintegraw approċċ inklużiv fit-trasport pubbliku billi jappoġġaw il-bini tal-kapaċità permezz ta' linji gwida speċifiċi u standards komuni tal-UE, u billi jiżviluppaw sistema ta' ċertifikazzjoni tal-aċċessibilità għall-vetturi, l-infrastruttura tat-trasport, l-informazzjoni u d-determinazzjoni tal-prezzijiet tat-trasport.
- Mil-lat finanzjarju dawn jistgħu jippromovu u jappoġġaw miżuri ta' sensibilizzazzjoni, kif ukoll l-iskambju ta' prattiki tajba.
- Jistgħu jtejbu s-sistema Ewropea tal-istatistika b'data diżaggregata skont it-tip ta' utent tat-trasport, bil-għan li jwettqu monitoraġġ tal-evoluzzjoni tas-sistemi tat-trasport pubbliku, u jappoġġaw ir-riċerka mfassla biex tevalwa, mil-lat tekniku u politiku, il-benefiċċji ekonomiċi u soċjali (kosti) tat-trasport pubbliku fil-pajjiżi Ewropej.
- Fl-aħħar nett, huma għandhom jippromwovu l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fit-teħid ta' deċiżjonijiet sabiex jitqiesu l-ħtiġijiet ta' gruppi u żoni f'riskju ta' marġinalizzazzjoni u esklużjoni soċjali. Huwa essenzjali li dawn jiġu involuti fil-konsultazzjoni, l-ippjanar tal-proġetti u l-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet, minn tal-anqas fil-proċeduri applikabbli għal proġetti/programmi kofinanzjati mill-fondi Ewropej.

Hemm diversi għodod disponibbli għall-appoġġ ta' dawn il-politiki, fosthom:

- Il-leġiżlazzjoni tista' tirrikjedi li l-aċċessibilità tiġi kkunsidrata fir-regolament dwar it-trasport, u l-istandards tal-UE jistgħu jsiru obbligatorji meta jkunu qed jintużaw il-fondi Ewropej, bħal fil-każ tal-Fondi Strutturali, fejn ir-rekwiżiti legali jinkludu l-aċċessibilità bħala kundizzjoni mhux negozjabbli ta' finanzjament.
- Il-Fondi Strutturali Ewropej jistgħu jintużaw biex jippromwovu l-ippjanar integrat tat-trasport u l-politiki ta' inklużjoni soċjali u biex jappoġġaw programmi/proġetti pilota li jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' aċċessibilità ta' gruppi u żoni żvantaġġati. Il-programmi tal-UE għall-innovazzjoni fis-sistema tat-trasport (eż. Orizzont 2020) jistħgu jipprijoritizzaw il-finanzjament mill-UE għal proġetti ta' riċerka relatati mat-trasport maħsuba biex itejbu l-aċċessibilità tat-trasport għal gruppi vulnerabbli u jippromwovu it-tixrid tar-riżultati tar-riċerka applikata dwar l-ippjanar tat-trasport.